MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Numru 903/2003

Il-Pulizija
Spettur Ramon Mercieca
Vs
**Martin Vella**

**Illum 15 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat lil imputat **Martin Vella** ta' 37 sena bin Michael u Concetta nee` Degiorgio mwieled Pieta` fil-21 ta' Frar 1996 u residenti No. 6, 'Cortile di Maria', Tower Gate Street, Msida u detentur ta' karta tal-identita` numru 109666(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-29 ta' Ottubru, 2003 ghall-habta tal-10.30 hrs gewwa l-Floriana attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Anthony Fava, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni

tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` kompetenti.

Talli ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Anthony Fava persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuq kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Talli ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Fava skond kif iccertifika Dr. A. Cordina MD (Reg No. 2641) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

Talli hebb ghal Anthony Fava sabiex jingurja, idejqu jew jghamillu hsara.

Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Anthony Fava weggghu bi kliem, gesti jew b’mod iehor.

Talli imbotta lil imsemmi Anthony Fava sabiex iweggghu jew jinsulentah.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Anthony Fava u tapplika l-proveddimenti tal-Artiklu 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti semghet lil imputat jammetti l-akkuzi f’din l-ewwel udjenza liema ammissjoni li hu nsista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra fuq din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat.

Il-Qorti wara li hadet l-informazzjoni kollha li kien jidhrilha biex tiehu u taghmel gustizzja mal-imputat:

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha inkluz l-stat ta’ anzjeta` li kien jinsab fiha l-imputat, **tiddeciedi wara li rat l-artiklu 95, 96, 221, 339(d)(e) u 17 tal-Kapitlu 9 li tilliberah taht id-disposizzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------